



Brussell, 17 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15075/23

CDR 176

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 24 ta' April 2023<sup>1</sup>, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Mart VÖRKLAEV, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtut.
2. Permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru 2023<sup>2</sup>, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Piret RAMMUL, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

<sup>1</sup> 8808/23.

<sup>2</sup> 14945/23.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Mart VŌRKLAEV, il-Gvern Estonjan ippropona<sup>3</sup> lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp lokali li hija politikament responsabbi quddiem assemblea eletta, *Ħarku vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Ħarku), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Barra minn hekk, għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Piret RAMMUL, il-Gvern Estonjan ippropona<sup>4</sup> lis-Sur Mikk JÄRV, rappreżentant ta' korp lokali li huwa politikament responsabbi quddiem assemblea eletta, *Kanepi vallavanem* (Sindku tal-Muniċipalità Rurali ta' Kanepi), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
6. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 15076/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqqha li jmiss.

---

<sup>3</sup> 14946/23.

<sup>4</sup> 14946/23.